7 ta' Mejju, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Caterina Stellini *versus* Antonio Gambin

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Sentenza — Nullità — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Art. 793 u 792 (1) (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Huwa veru li d-deċiżjonijiet jew ordnijiet mogħtija mill-Board tal-Kera għandhom ikunu firmati miċ-Chairman u kontro-firmati mir-Reġistratur; imma n-nuqqas ta' kontro-firma tar-Reġistratur ma jġibx neċessarjament għan-nullità tas-sentenza tal-Board li ma jkunx fiha dik il-kontrofirma.*

*Għax meta quddiem il-Qorti tal-Appell tinġieb il-quddiem l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni, ħlief jekk tkun bażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni, jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità tal-persuna, ma tiġix milqugħa, jekk fis-sustanza tagħha s-sentenza tinsab li hija ġusta. Għaldaqstant, jekk in-nullità eċċepita hija nullità li tirrigwarda l-forma tas-sentenza appellata, bħal ma huwa n-nuqqas tal-kontrofirma tar-Reġistratur, ma tiġix milqugħa jekk is-sentenza tkun sostanzjalment ġusta.*

*Lanqas jista' jiġi sostnut li dan id-difett jirrendi s-sentenza radikalment nulla u ineżistenti, u li għalhekk ma hemmx lok għall-eżami jekk is-sentenza appellata hijiex fis-sustanza tagħha ġusta; għax dan hu difett konsistenti fi vjolazzjoni ta' forma mitluba mill-liġi, u meta hu hekk, is-sentenza mhix nulla, imma annullabbli. Għaldaqstant, f'każ simili, il-Qorti tal-Appell għandha*

*tgħaddi għall-eżami tas-sentenza; u jekk tkun soddisfatta li s-sentenza fis-sustanza tagħha hija ġusta, l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata ma tkunx ammissibbli.*

*Jekk is-sentenza tal-Bord tal-Kera tkun irrespinġiet l-eċċezzjoni li l-ġudizzju mhux integru, dik is-sentenza ma tkunx qatgħet ebda punt ta' liġi, jekk il-Board ikun għamel biss apprezzament tal-provi biex wasal għal dik il-konklużjoni. Dan l-apprezzament mhux sindakabbli mill-Qorti tal-Appell, u għalhekk dik is-sentenza, fuq dan il-punt mhix appellabbli, għax ma ġiex riżolut biha ebda punt ta' liġi.*

Il-Qorti; — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola l-Kera għal Għawdex, li bih Caterina Stellini talbet li terġa' tieħu taħt idejha l-fond numru 100 Triq San Girgor, Kerċem, għaliex l-intimat Antonio Gambin ma kienx puntwali fil-ħlas tal-kera;

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fit-8 ta' Novembru 1955, li biha ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat, ġiet milqugħa t-talba tar-rikorrenti, li ġiet awtorizzata li tieħu lura l-fond Nru. 100 Trieq San Girgor, Kerċem, Għawdex, billi l-intimat iddekada mid-dritt tal-lokazzjoni, u t-terminu għall-iżgumbrament ġie iffissat f'xahar mill-jum tas-sentenza; bl-ispejjeż kontra l-intimat; wara li kkunsidra;

Illi r-rikorrenti Caterina Stellini qegħda titlob li tieħu pussess lura tal-fond Nru. 100 Trieq San Girgor Kerċem, mikri lill-intimat, billi dan iddekada minn dina l-lokazzjoni, billi, non ostante żewġ ittri interpellatorji mibgħuta b'intervall ta' iżjed minn tliet xhur bejniethom, l-intimat ma ħallasx il-kera, u għandu jagħti minn Santa Marija 1954 'l hawn;

Għal dina t-talba tar-rikorrenti l-intimat eċċepixxa li l-ġudizzju mhux integru, peress li Nazzarena Debrincat ma hix waħda mir-rikorrenti;

L-intimat qiegħed jibbaża din l-eċċezzjoni fuq il-fatt li, meta fil-21 ta' Awissu 1954 l-intimat ħallas il-kera tal-fond, lilu ġiet rilaxxjata riċevuta għan-nom ta' Caterina Stellini u Nazzarena Debrincat, kif jirriżulta mill-kwintern eżibit minn mart l-intimat fix-xhieda tagħha;

Mill-provi mismugħa rriżulta li Caterina Stellini, ir-rikorrenti, qegħedha tiddetjeni b'titolu ta' użufrutt il-fond in kwistjoni. Dan hu fatt li l-intimat lanqas ipprova jikkontesta. Għalhekk, bħala użufruttwarja, ir-rikorrenti għandha dritt dgawdi mill-fond suġġett għall-użufrutt tagħha, kif ukoll li tipperċepixxi l-frutti ċivili ta' l-istess fond. Konsegwentement, lir-rikorrenti jispetta d-dritt li tikri l-fond, u anki li terġa' tiġbru lura wara li tkun spiċċat il-lokazzjoni;

Huwa fatt ukoll li dan il-fond ġie mikri lill-intimat mir-rikorrenti. Dan jirriżulta mid-deċiżjoni mogħtija minn dan l-istess Board fit-2 ta' Frar 1954, fejn jirriżulta li kienet l-istess Caterina Stellini li kienet talbet li jiġi fissat il-kera xieraq ta' dan l-istess fond;

Il-fatt li l-irċevuta ġiet rilaxxjata b'isem tant ta' Caterina Stellini kemm ta' Nazzarena Debrincat huwa dovut għal żball ta' min kiteb l-irċevuta, u ma jfisser xejn. Infatti, Nazzarena Debrincat fix-xhieda tagħha qalet ........ Li dan huwa żball hu evidenti; infatti ...........;

Illi għalhekk, ladarba kien żball li ġiet imniżżla Nazzarena Debrincat bħala li rċeviet parti mill-kera, l-intimat ma jistax jippretendi li kien hemm ebda novazzjoni fil-lokazzjoni, u li Debrincat għandha tiġi kunsidrata bħala kerrejja;

Konsegwentement, il-ġudizzju huwa integru, u l-eċċezzjoni relattiva ta' l-intimat għandha tiġi respinta;

Fil-meritu, ir-rikorrenti trid terġa' tieħu l-fond in kwistjoni......;

*Omissis;*

Konsegwentement, għandu jiġi ritenut li l-kera kellu jitħallas bil-tliet xhur bil-quddiem;

*Omissis;*

Konsegwentement, it-talba tar-rikorrenti tidher ġustifikata;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Antonio Gambin quddiem din il-Qorti, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revo-

kata, billi t-talba tar-rikorrenti Caterina Stellini tiġi respinta; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' April 1956, mnejn jidher li l-appellant, permezz tad-difensur tiegħu, iddikjara li huwa ma ddeduċiex il-pretensjoni tiegħu dwar in-nullità tas-sentenza, kif lilu ordnat bl-imsemmi digriet tas-6 ta' Frar 1956, għaliex jippretendi li dik in-nullità hija sollevabbli "ex officio";

*Omissis;*

**Tikkunsidra;**

Illi l-appellant issolleva l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata għaliex dik is-sentenza ma ġietx kontrassenjata mir-Reġistratur, kif jitlob ir-Regolament numru 9 emanat bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 238 ta' l-1931. Dak ir-Regolament jgħid li "id-deċiżjonijiet jew ordnijiet tal-Board għandhom ikunu ffirmati miċ-Chairman u kontrofirmati mir-Reġistratur". F'dan il-każ tonqos dik il-kontrofirma tar-Reġistratur, u mħabba din l-ommissjoni l-appellant eċċepixxa n-nullità tas-sentenza li minnha hemm appell;

**Ikkunsidrat;**

Illi skond l-art. 793 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta quddiem din il-Qorti tinġieb il-quddiem l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, din l-eċċezzjoni, ħlief jekk tkun bażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni, jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew illeġittimità ta' persuna, ma tiġix milqugħa jekk fis-sustanza tagħha s-sentenza tinsab li hija ġusta. Fil-każ preżenti, in-nullità eċċepita hija nullità li tirrigwarda l-forma tas-sentenza appellata, u għalhekk, jekk l-istess sentenza hija sostanzjalment ġusta, dik l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat;

Illi fit-trattazzjoni orali l-appellant issottometta li l-imsemmi difett jirrendi s-sentenza radikalment nulla u ineżistenti, u għalhekk ma jistax ikun hemm lok għall-eżami

previst fl-imsemmi art. 793, jiġifieri jekk fis-sustanza hijiex ġusta. Iżda din il-pretensjoni tal-appellant mhix aċċettabbli; għaliex, kif jidher mid-dispożizzjoni tal-art. 792 (1) (c), fil-każ, bħal dak taħt eżami, ta' vjolazzjoni ta' forma mitluba mill-liġi, is-sentenza mhix nulla, imma annullabbli;

Ikkunsidrat;

Illi, non ostante l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità opposta mill-appellata, il-Qorti għandha tidħol biex teżamina l-meritu u tara jekk is-sentenza hijiex sostanzjalment ġusta, għall-fini tal-imsemmija eċċezzjoni tan-nullità;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mressqin quddiem il-Board din il-Qorti hi soddisfatta li s-sentenza appellata hija fis-sustanza tagħha ġusta; u għalhekk l-eċċezzjoni tan-nullità fuq imsemmija mhix ammissibbli, u għandha tiġi respinta, kif fil-fatt qegħedha tiġi respinta; bl-ispejjeż kontra l-appellant Gambin;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità, opposta mill-appellata Stellini;

Illi l-appellant quddiem il-Board tal-Kera ġieb il-quddiem l-eċċezzjoni li l-ġudizzju mhux integru peress li huwa kien jippretendi li l-lokazzjoni saritlu mhux biss mir-rikorrenti Stellini, iżda anki minn Nazzarena Debrincat, li ma tidherx mal-imsemmija rikorrenti fil-propożizzjoni tat-talba preżenti għar-ripreża tal-pussess tal-fond hemm imsemmi (ara fil-fol. 34 verbal meħud fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 1955). Il-Board, bis-sentenza appellata, ċaħad dik l-eċċezzjoni, u, kuntrarjament għal dak li l-appellata ssottomettiet fit-trattazzjoni orali, l-appell jirrigwarda anki dik l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi bid-deċiżjoni appellata jinsab affermat li r-rikorrenti Stellini hija l-użufruttwarja tal-fond in kwistjoni, u bħala tali għandha d-dritt għad-dgawdija tal-fond u għall-perċezzjoni tal-frutti ċivili relattivi; konsegwentement, hija kellha d-dritt tikri l-fond u tipproponi l-preżenti istanza. Wara li ġie stabbilit liema kienu d-drittijiet tal-użufrut-

twarja Stellini, il-Board, wara li eżamina l-provi prodotti, qal li minn dawn il-provi rriżulta li l-fond kien ġie mikri lill-appellant mill-imsemmija Stellini, u li Nazzarena ma kienet ħadet ebda parti f'dik il-lokazzjoni. Kif jidher mir-rikors tal-appell (fol. 38), l-appellant mhux qiegħed jiddiskuti, jew b'xi mod jattakka, l-affermazzjoni tal-Board li Stellini hija l-użufruttwarja tal-fond, u li bħala tali għandha d-drittijiet imsemmijin fis-sentenza appellata, iżda qiegħed ikompli jinsisti li skond l-aħħar irċevuta, tal-21 ta' Awissu 1954, il-lokaturi huma Stellini u Debrincat, u li hu dejjem ittratta ma' Debrincat biss. Fi kliem ieħor, l-appellant qiegħed f'dan l-appell jinsisti fuq l-eċċezzjoni tiegħu li l-ġudizzju mhux integru, għaliex jippretendi li "mill-provi" rriżulta li kienu Stellini u Debrincat flimkien li krewlu l-fond. Biex wasal għall-konklużjoni li l-lokazzjoni saret biss mill-appellata Stellini, il-Board ma qata' ebda punt ta' dritt, iżda għamel biss apprezzament tal-provi prodotti. Dan l-apprezzament kien jirrigwarda biss fatti fis-sentenza elenkati, li mhumiex sindakabbli minn din il-Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi fid-definizzjoni tal-meritu bis-sentenza appellata ma ġie maqtugħ ebda punt ta' dritt, u l-appell mid-deċiżjoni ta' l-eċċezzjoni fuq imsemmija jirrigwarda biss kwistjonijiet ta' fatt, u mhux punti ta' dritt bl-istess sentenza riżoluti. Konsegwentement, l-eċċezzjoni ta' l-inappellabbilità għandha tiġi milqugħa, in bażi għad-dispożizzjoni ta' l-art. 25 ta' l-Ordinanza nru. XXI ta' l-1931 (Kap. 109);

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabbilità; u tiddikjara irritu u null l-appell; bl-ispejjeż kontra l-appellant Antonio Gambin.